VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,403, 12 ta' Mejju, 2020

Taqsima B

A.L. 188 tal-2020

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 425.12.

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' regolamenti tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolamenti 8 sa 11 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 9 sa 12 rispettivament.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali,

3. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Setgħat tad-Direttur dwar ħut ħaj.

8. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa u, jew proċediment ieħor skont il-liġi, id-Direttur jista' jordna r-rilaxx fil-baħar ta' kull ħut ħaj miżmum minn jew għal stabbiliment tal-akkwakultura fil-baħar, u jista' jagħmel dan ikun fejn ikun miżmum dak il-ħut, meta huwa jqis li dak il-ħut ikun qiegħed jiġi miżmum minn xi ħadd jew għal xi ħadd bi ksur tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, f'kull każ, inkluż f'dawk fejn ma jkun twettaq ebda reat skont l-Att jew dawn ir-regolamenti, kull dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea li mingħajr ebda ħtieġa oħra ta' għemil ta' liġi għandha tingħata effett legali jew tintuża f'Malta, għandha titqies bħala parti minn dawn ir-regolamenti u jekk minnha nfisha jew għall-adempjenza magħha jkun meħtieġ li d-Direttur jordna r-rilaxx, id-Direttur għandu jordna dak ir-rilaxx:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom japplikaw ukoll fejn jidħlu obbligi, rakkomandazzjonijiet jew għanijiet li joħorġu minn konvenzjoni li Malta u, jew l-Unjoni Ewropea rrattifikaw u li Malta obbligata timplimenta taħt il-ġurisdizzjoni tagħha skont id-dritt internazzjonali jew dak tal-Unjoni Ewropea.".

Dispożizzjoni tranżitorja.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bi sħiħ fir-rigward ta' ħut ħaj li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkunu qegħdin jiġu miżmuma bi ksur tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali kif imdaħħal fis-seħħ b'dawn ir-regolamenti.